MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSEPH MIFSUD

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2015

Numru. 271/2015

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Martin Carbonaro**, ta’ sitta u erbghin (46) sena, iben Carmel u Antoinette nee’ Zerafa, mwieled Pieta, fil-23 ta’ Lulju 1968, u residenti ‘Mercieca Lodge’, Flat G 2, Triq ir-Ranciz, Munxar, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 305268M, akkuzat talli nhar it-18 ta’ Gunju 2015 ghall-habta tal-3.35 ta’ wara nofsinhar u fil-hinijiet ta’ qabel gewwa Triq il-Wied, Marsalforn limiti ta’ Zebbug, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi;

1. Volontarjament kiser il-bon-ordni b’ghajjat u glied;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kien jinsab fis-sakra b’mod li ma kienx jista’ jiehu hsieb tieghu innifsu;

U aktar talli ghall-habta ta’ 4.30 ta’ wara nofsinhar waqt li kien qieghed gewwa l-Isptar Generali ta’ Ghawdex fir-Rabat, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi;

3. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe’ PC 1185 William Saliba u PC 197 Mark Attard filwaqt li kienu qeghdin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun nkarigat minn servizz pubbliku;

U aktar talli ghall-habta ta’ 7.30 ta’ filghaxija waqt li kien qieghed gewwa l-Isptar Generali ta’ Ghawdex fir-Rabat, Ghawdex;

5. Volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ diversi oggetti li jinsab fis-sala tal-isptar Generali ta’ Ghawdex ghad-dannu ta’ Gvern ta’ Malta, liema hsara ma’ tiskorrix elfejn u hames mitt euro (€2,500) izda hija izjed aktar minn mitejn u hamsin il-ewro (€ 250);

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe’ PS 369 Joseph Mizzi, PS 820 Jonathan Vella, PC 1185 William Saliba, PC 53 Stephan Spiteri, PC 1549 Joseph Bajada u PC 197 Mark Attard waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun nkarigat minn servizz pubbliku;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti;

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hedded jew ingurja bil-fomm lil George Portelli u Michael Formosa;

10. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebb kontra George Portelli sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu l-hsara;

11. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon-ordni b'ghajjat u glied;

12. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr. N. Camilleri LL.D) b'digriet ta' nhar it-18 ta' Mejju 2015, mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Magistrat Dr. J. Vella Cuschieri LL.D.) b'digriet nhar 21 ta' Marzu 2015 u mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Magistrat Dr. P. Coppini LL.D.) b'digriet nhar 7 ta' Gunju 2015;

13. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghamel reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija nhar is-19 ta' Dicembru 2014 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Mag. Dr. Doreen Clarke);

14. U aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saru difinittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra;

15. Il-Qorti hija mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Martin Carbonaro u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna s-somma bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta’ tal-Pulizija nvoluti f’dan il-kaz u terzi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b’digriet datat 30 ta’ Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim’Imhallef.

Semghet fis-seduta tat-8 ta’ Lulju 2015 lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga’ tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta[1] l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Rat id-dokumenit esebiti.

[1] Nhar l-Erbgha 8 ta’ Lulju 2015

Semghet is-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena fejn qablu dwar parametri li l-ligi tippermetti u li l-Qorti ghandha tikkonsidra fid-decizjoni taghha. Il-partijiet qablu li l-imputazzjoni tlieta (3) u l-imputazzjoni (6) ghandhom ikunu trattati bhala ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap 9.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat;**

llli l-imputat jinsab akkuzat b'mod ewlieni bir-reati konnessi mal-ingurji u vjolenza kontra ufficjali pubblici u precizament bir-reat ikkontemplat fl-artikoli 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u b'diversi kontravenzjonijiet.

Dan il-kaz kellu l-bidu tieghu f'Marsalforn fejn l-imputat kien fis-sakra u ma kienx fi stat li joqghod wahdu. Irrizulta li aktar qabel kien xorob xejn anqas minn 18-il flixkun birra.

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta' l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu il- gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-motiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-motiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat nexus bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu ighid:

*"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Giuseppe Borg** jinghad:

*"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a*

*patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*

L-awturi kollha Taljani fosthom il-Maino u il-Carrara isotnu:

*"Non occorre che il pubblico ufficiale vesta la divisa, ma la sua qualita debe essere nota a chi resiste."*

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti taghmilha cara li l-Pulizija jridu jkunu protetti waqt li jkunu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom u hadd m'huwa skuzat – tkun xi tkun ir-raguni – li jhedded lil xi ufficjal tal-Pulizija jew li b'xi mod iweggghu.

Ordni tal-Pulizija ghandha tkun obduta mal-ewwel u ghandu jintwera rispett lejn kull uffiċjal dejjem u kullimkien. Dan ir-rispett ghandu jidher b'mod l-aktar ċar u enfatiku f'sitwazzjonijiet fejn tkun dahlet imqar naqra tensjoni.

Kif gie osservat mil-Qorti fl-Appell Kriminali[2] : **"Il-Pulizija vs. Mathew Peter O' Toole" [**2.3.06]

*" il-Qrati ma jistghux jittrattaw kazijiet bhal dawn fejn ikunu mhedda ufficjali tal-Korp tal-Pulizija, waqt li qed jaqdu dmirijiethom - kultant f' sitwazzjonijiet difficli u delikati - b' leggerezza, qiesu ma gara xejn, bhallikieku l-Pulizija qieghed hemm biex jigi mzeblah, sfidat, u mhedded.*

*Illi jidher li l-appellant seta' kien taht l-influwenza ta' xorb alkoholiku eccessiv meta pprovoka dan l-incident bla bzonn, pero' dan bl-ebda mod ma jiskuzah."*

u fl-Appell Kriminali[3] "**Il-Pulizija vs. George Grech"** [23.6.05] il-Qorti qalet :

[2] Qorti ppreseduta mill-Imhallef Joe Galea Debono
[3] Qorti ppreseduta mill-Imhallef Joe Galea Debono

*"Illi l-Qorti terga ttenni f'dak li diga' qalet f'diversi sentenzi li r-reati bhal dawk ammessi mill-appellant fuq membri tal-korp tal-Pulizija waqt il-qadi tad-dmirijiet taghhom ma jistghux jitqisu leggerment mill-Qrati li ghandhom joffru kull protezzjoni lill-kustodji tal-ordni pubbliku meta jkunu qed jagixxu fiz-zamma tal-ordni taht cirkostanzi mill-aktar difficli u b'riskju kbir ghall-inkolumita' taghhom personali w li ghalhekk f'dawn it-tip ta' reati hija indikata piena karcerarja effettiva kif del resto tiddisponi l-ligi."*

Imbaghad fl-Appell Kriminali[4] "**Il-Pulizija vs. Anthony Roderick Farrugia**" [26.4.2007] din il-Qorti qalet ukoll :-

*"Kif irriteniet din il-Qorti diversi d-drabi, reati ta' vjolenza attiva fil-konfront tal-Pulizija kull ma jmorru qed jizdiedu w jsiru ferm spissi w l-Qrati ghandhom id-dmir, fejn ikun il-kaz, li jaghtu il-protezzjoni xierqa lill-forzi tal-ordni fejn dawn ikunu qed jagixxu entro il-poteri lilhom moghtija fl-esekuzzjoni tal-ligi w ma jistghux jittrattaw dawn il-kazijiet b' leggerezza w jikkondonaw dak li ma ghandux jigi kondonat b' pieni irrizorji aktar u aktar meta dak li jkun ikun recidiv kif inhu f' dan il-kaz."*

Il-Qorti qieghda tinnota li fis-socjeta' taghna qieghed ikun hemm aktar okkazzjonijiet fejn persuni m'hux jobdu ordnijiet legittimi tal-pulizija u wisq aktar jattakkawhom fizikament u mhux l-ewwel darba li jkun hemm min isoffri griehi anke gravi.

Il-Qorti ma tridx li membri tal-Korp tal-Pulizija jiddemoralizzaw ruhhom minn dan ghaliex mhux dejjem isibu l-appogg mixtieq ghall-hidma taghhom, jekk ma jispiccawx ukoll huma stess mghoddija process popolari ghax iwettqu d-dmirijiet taghhom.

---

4 Ibid.

Jaghmel hafna sens l-messagg tal-Arcisqof Charles J. Scicluna fl-okkazzjoni ta' Jum il-Pulizija 2015[5] *"naghti kelma ta' kuragg lil dawk li qeghdin idendlu kushom mal-Korp tal-Pulizija billi jiddeciedu liberalment li jaghtu servizz lir-Repubblika ta' Malta fil-Korp tal-Pulizija. Nahseb u nemmen li intom qed taghmlu hekk b'ghajnejkom miftuha mhux biss ghax ghandkom bzonn impjieg, imma ghaliex tridu servizz lill-Pajjiz. Ir-Repubblika b'xi mod, qed tibaghatkom bhal nghag qalb l-ilpup, bhalma qal Gesu'. Dan ghaliex inti ma tistax tevita l-konfront mal-kriminalita', b'mod specjali meta tkun kriminalita' organizzata ..."*

Il-messagg ikompli billi jenfasizza dwar kif il-puzlija jrid jagixxi f'hidmietu *"billi r-Repubblika jaghmlilha gieh, billi jkun fair ma' kulhadd u jirrispetta d-dinjita' ta' kull bniedem, hu min hu, hi min hi. Mhuwiex ix-xoghol taghkom li meta taraw il-ligi tinkiser, jew id-dinjita' tal-bniedem imkasbra, torbtu jdejkom u tibqghu tharsu, imma intom mistiedna tkunu dejjem proattivi biex tiddefendu d-dinjita' ta' kull bniedem, hu min hu, hi kif inhi l-gilda tieghu"*.

**Ikkunsidrat;**

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn l-proceduri, li l-imputat obbliga ruhu li jeffetwa l-hlas tad-danni sofferti mill-Isptar Generali ta' Ghawdex ta' €880 u l-fedina penali ta' l-imputat li ghalkemm mhiex netta lanqas m'hi wahda allarmanti.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-agir ta' l-imputat huwa rizultat tal-problema li ghandu b'l-abbuz ta' l-akohol u li dak li ghandu bzonn l-imputat aktar minn kollox huwa ghajnuna u rieda biex jeghleb din il-problema. L-imputat ghandu ukoll bzonn attenzjoni partikolari ghall-kundizzjoni dijabetika tieghu, fejn meta kien l-isptar irrizulta li kellu livel gholi hafna ta' zokkor fid-demm.

[5] 10 ta' Lulju 2015

Il-Qorti tinnota li l-alkohol huwa sustanza soċjalment aċċettata minn diversi kulturi, u f'Malta u Ghawdex xejn inqas.

F'hafna okkazjonijiet, il-konsum tal-alkohol jitqies bhala mod ta' ċelebrazzjoni. Imma fl-istess hin ftit inqisu kemm l-alkohol, anki f'dawn l-okkazjonijiet ta' ferh, jista' johloq perikli.

Wiehed mill-perikli komuni meta xi hadd jixrob b'mod eċċessiv huwa li, iktar iva milli le, il-persuna ma tkunx fi stat li tkun taf meta ghandha tieqaf, l-imputat huwa ezempju car ta' dan.

Ir-rizultat ikun kif gara f'dan il-kaz li, minghajr ma l-persuna tkun qed tirrealizza, il-gisem jikkonsma ammont kbir ta' alkohol f'hin qasir u jsarraf f'imgieba aggressiva u vjolenti.

L-imputat irid jifhem darba ghal dejjem u ghandu izomm quddiem ghajnejh li l-alkohol jaffettwa l-memorja, il-konċentrazzjoni, il-prestazzjoni u l-imgieba, u jwassal ghal esperjenzi li wara wiehed jista' jiddispjaċih li jkun ghamilhom.

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Din il-Qorti trid, sa fejn tista', tassigura li l-abbuz mill-alkohol da' parti tal imputat jigi meghlub biex ma jergghax jikkommetti xi azzjoni vjolenti ohra kontra s-socjeta'.

**Ikkunsidrat;**

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-unika triq li ghandha hi li timponi piena karceraraja ghar-reati li taghhom qed jinsab hati llum wara l-ammissjoni tieghu, se ddahhal fis-sehh is-sentenza sospiza tad-19 ta' Dicembru 2014, tirrevoka d-digriet ta' nhar il-21 ta' Marzu 2015, ta' nhar it-18 ta' Mejju 2015 u ta' nhar is-7 ta' Gunju 2015, permezz ta' liema l-imputat inghata l-helsien mill-arrest u konsegwentament tordna r-riarrest tieghu.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' l-imputat l-Qorti mhiex qed tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-konfiska tal-garanziji personali imsemmija fid-digrieti ta' nhar il-21 ta' Marzu 2015, ta' nhar it-18 ta' Mejju 2015 u ta' nhar is-7 ta' Gunju 2015.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 28H 49, 50, 95, 338(dd), 338(ee), 339(1)(e), 325, 412D u 579 tal-Kapitolu 9 u artikolu 7(2)(b), u 7(5) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah komplessivament tlett (3) xhur prigunerija u multa ta' tmien mitt Euro (€800).

In oltre l-Qorti tordna li s-sentenza fuq citata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Dicembru 2014 fejn l-imputat gie ikkundannat disa' (9) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ssir operattiva u d-disa' (9) xhur prigunerija jigu in effett immedjatament.

Il-Qorti tiddikjara li z-zmien li l-istess imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz ghandu jitnaqqas miz-zmien li l-imputat irid jiskonta fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin inkonnessjoni ma' din is-sentenza.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-multa tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid- data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda tigi erogata b'din is- sentenza u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jivverifika din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas din is-somma jew parti minnha fiz-zmien lilu preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Il-Qorti b' applikazzjoni ta' l-artikolu 28H tal-Kap. 9 tordna lill-imputat biex fi zmien sitt (6) xhur minn meta jiskonta s-sentenza ta' prigunerija jhallas lil Sptar Generali ta' Ghawdex s-somma ta' tmien mija u tmenin Euro (€880) ghad-danni li kkaguna.

In konkluzzjoni l-Qorti qeghda tqieghed lill-hati taht ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' sentejn (2) bil kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dak li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju ta' l-alkohol u jigi riferut ghal kura adegwata u necessarja ghal kundizzjoni ta' sahhtu.

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin biex waqt li l-hati jkun jiskonta l-piena jinghata l-appogg kollu halli jaqbad it-triq biex jeghleb il-vizzju tal-abbuz mill-alkohol.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-ufficcju tal-probation.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------